MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1558/2002

***Michael u Rose konjugi Camilleri***

***vs***

***Reuben Borg Cardona***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1262.53c) rappresentanti danni kkagonati lill-vettura proprjeta ta’ l-atturi, f’incident stradali li sehh f’St. Andrews Road, San Giljan fid-29 ta’ Mejju 2000 bejn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MRC 266 misjuqa minn Mark Anthony Camilleri, u Skoda bin-numru ta’ registrazzjoni REV 010 misjuqa mill-konvenut,

ghal liema ncident stradali kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Awissu 2000 u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvenut, bl-imghaxijiet mit-18 ta’ Awissu 2000, meta giet notifikata l-ittra ufficjali lill-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-attur Michael Camilleri, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u li ddikkjara illi l-hsarat fil-vettura proprjeta taghhom illum issewwew u thallsu minnu u minn martu, l-attrici Rose Camilleri.

Ra d-dokumenti esibiti u cioe’ Dokument K konsistenti f’invoice tal-hsarat li abbazi taghha saret it-talba attrici u Dokument R, konsistenti fir-*road accident report* ta’ l-incident stradali mertu tal-kawza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf mitejn u tnejn u

sittin liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1262.53c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Awissu 2000 u dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata konteswalment ma’ l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**